MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2013

Numru. 33/2013

**PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH BUSUTTIL**

**VS**

**DYLAN CHARLES DINGLI**
**DAVID FORMOSA**
**HANKLEEN CATANIA**
**SVEZDIN CATANIA**
**GILMOUR CUSCHIERI**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Dylan Charles Dingli, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 271594 (M), l-imsemmi David Formosa, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 98294 (M), l-imsemmi Gilmour Cuschieri, detentur

tal-Karta tal-Identita` numru 75693 (M), l-imsemmi Svezdin Catania, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 400694 (M) u l-imsemmu Hankleen Cuschieri, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 476295 (M).

**Akkuzati talli:**

F'dawn il-Gzejjer u cioe` gewwa Mc Donalds li jinsab San Pawl il-Bahar, Malta, nhar is-17 ta` April 2011 ghal habta tat-tmienja nieqes ghoxrin ta` filghaxija (19:40hrs) minghajr il-hsieb li joqtlu jew iqieghedu l-hajja ta` Clayton Azzopardi f'periklu car, hebbu ghalih u kkagunawlu ferita ta` natura gravi, skont ma ccertifika Dr. Joe Scicluna, M.D. Reg. No. 1777 mic-Centru tas-Sahha tal-Furjana.

Aktar talli fl-istess lok hin u cirkostanzi volontarjament kisru l-paci pubblika b'ghajjat u/ jew glied u/ jew mod iehor.

Il-Qorti wara li semghet l-akkuza moqrija bil-gurament mill-Prosekuzzjoni;

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet l-ammissjoni tal-imputati ghal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom mill-Prosekuzzjoni;

Innotat li l-imputati kongiuntivament obbligaw ruhhom li dakinhar stess jhallsu l-ammont ta' mitejn u hamsin Euro (€250) lil parte civile in kompensazzjoni tad-danni minnu sofferti li huma fil-maggioranza medici, liema somma giet mghoddija lilu seduta stante;

Ikkunsiderat l-ammissjoni bikrija tal-imputati;

Il-kooperazzjoni taghhom mal-Awtoritajiet Investigattivi;

L-eta` relattivament zghira tal-imputati;

L-attitudni posittiva tal-Parte Civile;

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti:**

Temmen li piena karcerarja effettiva din id-darba ma kinitx sejra tkun ta' gid ghal imputati;

Tiddeciedi billi tillibera lill-imputati bil-kundizzjoni li ma jikkommettux rejat iehor taht l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta, fil-konfront ta' Gilmour Svezdin ghal zmien ta` tlett snin (3) millum u fil-konfront tal-imputati l-ohra ghal zmien ta` sentejn (2) millum;

Il-Qorti tapponta bhala *Probation Officer* lil Carmen Nygaard ghal perjodu ta' sena (1) li ghandha tarahom

darba fix-xahar a tenur tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta;

Il-Qorti a tenur tal-Artkolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tobbliga lil kull imputat li bl-ebda mod ma jkellmu, jdejjqu jew jimmolestaw lil Clayton Azzopardi u l-gharusa tieghu Antonella Bianco ghal kwalsiasi raguni u dan ghal perjodu ta' sentejn (2) millum, b'multa ta' seba` mitt ewro (€700) kull wiehed fin-nuqqas.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------